MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 562/2008

**Go p.l.c.**

**vs**

**Jesmond u Sonia konjugi Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra illi s-socjeta’ attrici talbet lil dan it-Tribunal jordna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u serbgha Euro u disgha u disghin centezmu (€307.99), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21498293 (AC 40064434) skond diversi kontijiet mibghuta lilhom.

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40064434 (telefon 21498293) IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku 21498293.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ighaddu ghal hlas izda baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta ta’ Sonia Azzopardi li eccepiet illi hija m’hiex responsabbli ghal kontijiet dovuti, stante illi hija telqet mid-dar 21, Flat 1, Triq l-Gharghar, 1979, Qormi, li kienet d-dar konjugali tal-konvenuti, u illi hija tinsab ghaddejja minn proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha Jesmond Azzopardi.

Illi l-konvenut debitament notifikat permezz tal-proceduri ta’ pubblikazzjoni u affissjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, baqa’ ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra x-xhieda ta’ Dr. Ingrid Zammit Young, in rappreżentanza tas-socjeta’ attrici, u tikkonferma li l-ammont ghadu dovut u kien ghadu ma sar ebda pagament.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta’ attrici pprezentat l-applikazzjoni li ghamlet il-konvenuta ghal-linja telefonika. Kollox ighajjat lil Sonia Azzopardi, izda minkejja dan, il-kawza giet miftuha kontra zewgha ukoll Jesmond Azzopardi.

Illi l-konvenuta eccepiet illi presentement kienet ghaddejja minn procedura ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha, izda madanakollu naqset li tidher ghal diversi drabi quddiem dan it-Tribunal.

Ma gewx prodotti jew migbura provi li jistghu jikkonvincu lil dan it-Tribunal li dan l-ammont ta’ tlett mija u serbgha Euro u disgha u disghin centezmu (€307.99) mhux dovut u li lanqas hu dovut mill-konvenuta Sonia Azzopardi, in vista ta’ proceduri ta’ separazzjoni. Di piu’, il-konvenut Jesmond Azzopardi njora l-kawza ghal kollox, minkejja li gie debitament notifikat.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba, li ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------